# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Dicembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 252/00mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Maria Debono**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa u sittin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm565.23) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 376746 skond kif jirrizulta mill-anness Dok A

liema servizz gie nstallat fil-fond "Ritian" Crt/4 Triq il-Molletta, Swieqi, u dana skond ma kif jidher mill-anness Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju, 1999, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-29 ta' Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur